# Il-Ħadd 25.10.2020

1. Matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (24-25/10) naqilbu s-siegħa għall-ħin tax-xitwa: nmexxu l-arloġġi siegħa lura.

2. Illum 25/10:-
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

3. It-Tnejn 26/10:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 31/10:
   - Fil-5:00pm - Laqgħa tal-Abbatini.

5. Il-Ħadd 1/11, **Solennità tal-Qaddisin kollha**.

6. Avviżi oħra:-
   - Mit-Tnejn 26/10 filgħaxija, u matul Novembru, ser jiftaħ il-booking tal-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2021 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom. Minħabba is-sitwazzjoni li qegħdin fiha, min jixtieq jagħmel dan mitlub iħalli envelop b'ismu u kunjomu u *contact* (Mobile, telefon, jew email) fil-*letterbox* tal-Uffiċċju Parrokkjali, u ġo fih jara li jkun hemm il-lista bl-ismijiet tal-intenzjoni, bil-jum u l-ħin tal-quddiesa mitluba, flimkien mal-offerta tal-quddies. Imbagħad jiġi kkuntattjat mill-Kappillan biex jgħarrfu bid-dati u l-ħinijiet miktuba.
   - Ser tibda tinġabar ukoll il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta maċ-ċimiterju: l-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, il-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopri s-sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra.
     *(Din is-sena saret manutenzjoni fuq fuq is-CCTV system, il-bjut tal-kappella u l-kmamar imissu magħha, kif ukoll mili ta' fili tul id-dawra tal-ħitan esterni tal-kappella u tqegħid mill-ġdid ta' uvola li kienet ġarrbet ħsara b'maltempata s-sena li għaddiet. Ġiet ukoll miżbugħa mill-ġdid il-kappella minn ġewwa, jiġifieri s-saqaf u l-ħitan. Sar it-tqegħid mill-ġdid ta' Pilastru mill-Faċċata taċ-Ċimiterju li kien waqa' bil-maltemp. L-ispiża s'issa kienet ta' €1,845. Għada kif saret manutenzjoni fuq il-fanali mwaħħlin mal-faċċata tal-kappella; grazzi għall-Kunsill Lokali u l-Cleansing Malta tnaddaf il-ħmieġ li qed jintefa' fl-għalqa ta' wara ċ-Ċimiterju u hawn nappella biex nużaw aktar il-bins mxerrdin maċ-ċimiterju; grazzi għall-Kunsill Lokali u l-Enemalta bdiet il-manutenzjoni fuq il-fanali fuq barra tal-entratura taċ-ċimiterju. Għandna l-ħsieb li fiż-żmien li ġej induru u niżbgħu l-ħadid u l-faċċata , u nirranġaw is-sett gandlieri tal-kappella. Biss dan jista' jseħħ bil-ġenerożità tagħkom. Napprezzaw kull għajnuna.)*

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 215 bħala ġabra speċjali tal-Quddies tal-Ħadd li għadda b'risq il-Missjonijiet.
   - € 491 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes.
     *Min għadu ma tax l-envelop bid-donazzjoni tal-missjoni,*
     *jekk jogħġbu jibagħtu bil-posta jew iġibu u jitfgħu fl-offerti matul din il-ġimgħa*
     *sabiex inkunu nistgħu nibgħatuhom.*
   - € 277 mil-lotterija tal-hamper u l-bejgħ ta' pjanti.
   - Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief
     fejn is-**Sanitizing Points**. Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.